**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 157/21 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 902/1988)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda tfal.

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Marco Burlo' li gie ppubblikat fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995) liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati l-fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena u minn dak izzwieg la kellhom tfal u l-ebda manteniment ma hu dovut lil xulxin u dana ghax it-tnejn li huma rrinunzjaw reciprokament ghal kwalsiasi jedd ta' manteniment minghand xulxin skont il-klawzola numerata bin-numru erbgha (4) tal-imsemmi kuntratt.

4. Illi l-partijiet  prezentament jghixu l-boghod minn xulxin u r-rikorrenti ma jridx jirrikoncilja maghha u ghaldaqstant ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

5. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok C ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jieħu l-passi kollha neċessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' April, 2021;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti wiegbet li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Dicembru 1995;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.